MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 396/2005

**Av. Dottor David Tonna - numru tal-karta ta’ l-identita’ 659956 (M) - bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Continental Aktiengesellschaft**

**vs**

**Avukat Dr. Martin Fenech u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco), nominati b’digriet tal-25 ta’ Mejju 2005**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici Continental Aktiengesellschaft, ta' Vahrenwalder Str, 9, 30165 Hannover, il-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "CONTITECH" liema markju huwa wzat mis-scojeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal cineg tal-magni tal-karozzi u vetturi ohra, u prodotti ohra li ghandhom x' jaqsmu ma vetturi u ingenji industrijali, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A" u"B";

Illi s-socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess kelma "CONTITECH" li hija rregistrata f'Malta taht *Trademark No.* 43346 u *Trademark No*. 43347, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f'Dok "A" u f'Dok "B"), ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta li fit-3 ta' Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "MONTE CERVANTES", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' 'Synchronous Belts' li jgibu fuqhom il-markju "CONTITECH" liema konsenja tikkonsisti fi dsatax-il elf u hames mitt (19500) bicca, b'*Container* numru GESU4445745 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu numru CHN351816 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti 'Synchronous Belts' in kwistjoni huma ndikati bhala XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco), mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma CHN9972 Sino Option Ltd;

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' itnellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn is-'Synchronous Belts' in kwistjoni jikkontavvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici,

skond l-Artiklu 2(1)(a), (i) u (iii), tal-KAP 414, li favur taghha huwa rregistrat il-markju “CONTITECH”, billi instab illi dawn l-istess ‘Synchronous Belts’ huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamelt is-scojeta’ attrici (ara rapport ta’ analizi mmarkat bhala Dokument “C”);

Illi din il-konsenja ta’ ‘Synchronous Belts’ bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-‘New Port Bonded Stores’, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok “E”);

Ghalhekk l-attur nominee talab li l-konvenuti jghid ghalfejn din il-Qorti m’ghandiex:

tiddikjara u tiddeciedi illi s-‘Synchronous Belts’ u kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

tiddikjara illi tali ‘Synchronous Belts’ iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP 414 fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numru 43346 u 43347 tal-Markju “CONTITECH”;

tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ‘Synchronous Belts’ iffalsifikati li tikkonsisti fi dsatax-il l-elf u hames mitt (19,500) bicca, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi s-‘Synchronous Belts’ in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta' attrici;

tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-'Synchronous Belts' in kwestjoni u tal-ispejjez tal-ufficjal tad-Dwana skond it-termini tal-KAP.414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tiehu;:

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie sottomess li huma mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri wara li jsiru jafu bil-fatti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur nomine u l-affidavit ta' George Agius presentat mill-istess attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur nomine qed jagixxi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta attrici estera Continental Aktiengesellschaft ta' Hannover il-Germanja. Jirrizulta li s-socjeta attrici hi proprjetarja tal-markju "CONTITECH" li hu wzat in konnessjoni mal-manifattura ta' prodotti bhal cineg tal-magni tal-karozzi u vetturi ohra. Is-socjeta' attrici tirrizulta li hi d-detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess kelma "CONTITECH" u din hi registrata f'Malta mal-awtoritajiet kompetenti taht *Trademark numru* 43346 u *Trademark numru* 43347;

Fic-citazzjoni l-attur nomine jippremetti li fit-3 ta' Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta konsenja ta' 'Synchronous Belts' li jgibu fuqhom il-markju "CONTITECH" u liema konsenja tikkonsisti fi dsatax-il elf u hames mitt (19500) bicca u dana b'*Container* numru GESU4445745. L-attur nomine jkompli jippremetti li dawn l-oggetti ma humiex genwini u li d-dhul f'Malta tal-istess oggetti jikkontravvjeni d-dritt dwar il-proprjeta' itnellettwali tas-socjeta attrici. L-attur jippretendi ukoll li tali importazzjoni tikkontavvjeni d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghalhekk l-attur nomine qed jitlob li jigi dikjarat li l-oggetti in kwestjoni huma ffalsifikati, li jigi dikjarat li l-istess oggetti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici u li jigi dikjarat li l-istess dhul gewwa Malta ta dawn l-oggetti jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-provedimenti tal-Kap.414 tal-Ligijiet ta' Malta l-attur nomine qed jitlob ukoll li jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-istess oggetti in kwestjoni u li jigi ordnat kull rimedju iehor, skond i-ligi, fil-konfront tas-socjeta' attrici. Finalment l-attur nomine qed jitlob li jigi ordnat lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha relattivi;

Il-konvenuti kuraturi deputati eccipew li huma mhux edotti mill-fatti meritu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk irriservaw li jissottomettu eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri wara li jsiru jafu bl-istess fatti. Jigi rilevat li ma gewx presentati eccezzjonijiet ulterjuri u li l-konvenuti kuraturi deputati ma pproducewx provi fil-meritu;

Mil-kumpless ta' provi prodotti l-pretensjonijiet tal-attur nomine jirrizultaw sufficjentement gustifikati. In effett jirrizulta li fit-3 ta' Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta il-konsenja ta' 'Synchronous Belts' in kwetjoni li kienu jgibu l-merkju "CONTITECH" proprjeta tas-socjeta attrici. Din il-konsenja kienet tikkonsisti fi dsatax-il elf u hames mitt (19500) bicca u kienet kontenuta fil-container numru GESU4445745. Jirrizulta ukoll li l-oggetti kollha in kwestjoni kienu ffalsifikati. Bid-dhul f'Malta tal-istess oggetti gew lesi d-drittijiet tas-socjeta attrici dwar il-proprjeta' itnellettwali;

Jirrizulta li l-konsenjatarji tal-oggetti in kwestjoni huma l-konvenuti esteri u li l-istess konsenja in kwestjoni issa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana skond il-ligi;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba u dana peress li ma jirrizultax li ghandhom jinghataw rimedji ohra;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba u b'hekk tiddikjara u tiddeciedi illi s-'Synchronous Belts' u kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati; tiddikjara illi tali 'Synchronous Belts' iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP 414 fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numru 43346 u 43347 tal-Markju "CONTITECH"; tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja 'Synchronous Belts' iffalsifikati li tikkonsisti fi dsatax-il l-elf u hames mitt (19,500) bicca, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta; tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi s-'Synchronous Belts' in

kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414 u tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-‘Synchronous Belts’ in kwestjoni u tal-ispejjez tal-ufficjal tad-Dwana skond it-termini tal-KAP.414;

Spejjez, kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------